Kunsill Lokali Ħal Balzan
7/9, Triq Dun Spir Sammut,
Ħal Balzan

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Balzan

## IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Urġenti Numru 55

Data tal-laqgħa: 5 ta` Novembru 2018

Il-Kunsilli Lokali Ħal Balzan ltaqa` fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 7/9, Triq Dun Spir Sammut, Ħal Balzan, fit-8.30 ta` filgħodu.

### PREŻENTI:
Nutar Ian Spiteri – Sindku
Andre` Grech – Viċi Sindku
Daniel Muscat – Kunsillier
Desmond Zammit Marmara` – Kunsillier
Joe Galea – Kunsillier

### ASSENTI b`APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):
Ma kien hemm ebda membru assenti b`apoloġija.

### ASSENTI:
Ma kien hemm ebda membru assenti.

### UFFIĊJAL PREŻENTI:
Doriette Farrugia – Segretarju Eżekuttiv (SE)

## Minuti

Is-Sindku in-Nut. Ian Spiteri ippresjeda l-laqgħa.

## 55.1 Skeda Ġbir ta` Skart

55.1.1 Din il-laqgħa urġenti qed tiġi msejħa mis-Sindku u l-Kunsilliera kollha, wara li l-Kunsill irċieva numru kbir ta` ilmenti dwar il-ġbir tal-borża tal-iskart imħallat, peress li mill-31 ta` Ottubru 2018 din bdiet tinġabar nhar ta` Ħamis u Sibt biss.

55.1.2 Ir-residenti qed jitolbu li l-iskart imħallat jinġabar ukoll nhar ta` Tnejn. Dan għaliex ma jistgħax ikun li, il-borża s-sewda ddum ħamest ijiem ma tinġabar għax toħloq intejjen kbar speċjalment fis-Sajf, minħabba l-oġġetti li jistgħu jintefgħu fiha.

55.1.3 Il-Kunsill iddiskuta din it-talba u fuq proposta tal-Viċi Sindku Andre` Grech li kien issekondat mill-Kunsillier Joe Galea, il-Kunsill unanimament approva li nhar ta` Tnejn jinġabar kemm skart organiku, kif ukoll skart imħallat. Dan għandu jibda minn nhar it-Tnejn 12 ta` Novembru 2018.

55.1.4 Il-kuntrattur kif ukoll il-WasteServ ser jiġu nfurmata b`din id-deċiżjoni.

Il-laqgħa ntemmet fit-8.40am.

Konfermati, illum il-Ħamis, 15 ta` Novembru 2018.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Nut. Ian Spiteri | Doriette Farrugia |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |